PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2007/0112(CNS)

5.3.2008

EMENDI
7 - 10

Abbozz ta' rapport
Martine Roure
(PE402.567v01-00)

dwar il-proposta ta' Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/109/KE biex testendi l-ambitu ta’ l-applikazzjoni għall-benefiċjarji ta’ protezzjoni internazzjonali

Proposta għal direttiva – att li jemenda
(COM(2007)0298 - C6-0196/2007 - 2007/0112(CNS))

Emenda 7
Simon Busuttil

Proposta għal direttiva – att li jemenda
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Fid-dawl tad-dritt tal-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali li jkunu residenti fi Stati Membri *oltre* dak li jkun tahom il-protezzjoni internazzjonali, hu neċessarju li jkun żgurat li dawn l-Istati Membri huma informati bl-isfond tal-protezzjoni tal-persuni konċernati sabiex ikunu jistgħu josservaw l-obbligi tagħhom fir-rigward tar-rispett lejn il-*priniċipju* tan-non-refoulement. Għal dan l-iskop il-permess ta' residenza KE tar-residenti fit-tul mogħti lill-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali għandu jkun fih rimarka li tagħti l-informazzjoni dwar il-fatt li l-protezzjoni internazzjonali ngħatat minn Stat *Member* lid-detentur tiegħu. Sakemm il-protezzjoni internazzjonali ma kinitx ġiet irtirata, din ir-rimarka għandha tkun riprodotta fuq il-permess ta' residenza KE tar-residenti fit-tul maħruġ mit-tieni Stat Membru.	(5) Fid-dawl tad-dritt tal-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali li jkunu residenti fi Stati Membri *minbarra* dak li jkun tahom il-protezzjoni internazzjonali, hu neċessarju li jkun żgurat li dawn l-Istati Membri huma informati bl-isfond tal-protezzjoni tal-persuni konċernati, sabiex ikunu jistgħu josservaw l-obbligi tagħhom fir-rigward tar-rispett lejn il-*prinċipju* tan-non-refoulement. Għal dan l-iskop il-permess ta' residenza *fil*-KE tar-residenti fit-tul mogħti lill-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali għandu jkun fih rimarka li tagħti l-informazzjoni dwar il-fatt li l-protezzjoni internazzjonali ngħatat minn Stat *Membru* lid-detentur tiegħu. Sakemm il-protezzjoni internazzjonali ma kinitx ġiet irtirata, din ir-rimarka għandha tkun riprodotta fuq il-permess ta' residenza *fil*-KE tar-residenti fit-tul maħruġ mit-tieni Stat Membru. ***Madankollu, it-tieni Stat Membru ma jkunx jista' juża din ir-rimarka bħala pretest, la b'mod dirett u lanqas b'mod indirett, biex jirrifjuta li jagħti residenza fit-tul fit-territorju tiegħu.***

Or. en

Emenda 8
Simon Busuttil

Proposta għal direttiva – att li jemenda
Premessa 10 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) Skond it-termini ta' din id-Direttiva l-għoti ta' l-istatus ta' residenza fit-tul m'għandux jimplika r-revoka jew l-irtirar tad-drittijiet tar-refuġjati, tal-benefiċjarji ta' protezzjoni sussidjarja, kif ukoll tal-membri tal-familja tagħhom skond id-Direttiva 2004/83/KE;

Or. en

Emenda 9
Simon Busuttil

Proposta għal direttiva – att li jemenda
Artikolu 1 - punt 3 a (ġdid)
Direttiva 2003/109/KE
Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Fl-Artikolu 5(1), jiġi miżjud is-subparagrafu li ġej: ***"Dan ir-rekwiżit ma japplikax għall-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali li ma jkollhomx aċċess għall-impjieg.".***

Or. en

Emenda 10
Jeanine Hennis-Plasschaert

Proposta għal direttiva – att li jemenda
Artikolu 1 - punt 3 a (ġdid)
Direttiva 2003/109/KE
Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Fl-Artikolu 5(1), jiġi miżjud is-subparagrafu li ġej: "Dan ir-rekwiżit ma japplikax għall-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali li ma jkollhomx aċċess għas-suq tax-xogħol.".

Or. en